MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru. 8/2006

**Il-Pulizija**
Spettur Antonello Grech
**v**

**ELVIN MAGRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ELVIN MAGRI** bin Anthony u Mary nee Cassar, imwieled nhar l-ewwel ta’ Frar 1977 u residenti ‘Marcon’, Triq l-Imdina, Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 144777M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghoxrin ta’ Awissu 2005, ghal habta tas-sitta w kwart ta’ filghaxija, fil-bajja ta’ Santa Marija f’Kemmuna, bhala l-persuna li kellu fil-kontroll tieghu u li kien isuq il-

vettura tal-bahar S 11418, dahal fi w il’ gewwa iz-zona riservata ghal ghawwiema.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta’ Lulju 2006 [fol 22] sabiex in-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa ta’ Dicembru 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju fis-seduta ta’ nhar l-hamsa ta’ Dicembru 2006.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa ta’ Dicembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 **xehed PC 639 Joseph Bugeja** [fol 18] fejn qal li nhar l-ghoxrin ta’ Awissu 2005 ghal habta tas-sitta w kwart ta’ filghodu kienet marret dghajsa bin-numru S 11418 fiz-zona tal-ghawwiema tal-bajja ta’ Santa Marija f’Kemmuna. Qal li hu mar fuqha w innota li kien qed isuqha certu Elvin Magri l-imputat odjern. Qal li qallu li kien dahal fiz-zona ghal ghawm pero hu kien irrispondih li ma kienx ra bagi. Qal li l-bagi dakinhar kienu ta’ kulur isfar u hemm wkoll zewg tabbelli mwahhlin. Qal li l-imputat kien qallu li minhabba d-dghajjes ma kienx rahom. Ix-xhud zied jghid li fuq il-bahar hu ma kienx u mill-art kienu jidhru l-bagi u li *wire rope* qatt ma kien hemm.

Illi nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 **xehed PC 1558 Joseph Farrugia** [fol 19] fejn qal li nhar l-ghoxrin ta’ Awissu 2005, ghal habta tas-sitta w kwart ta’ filghodu hu kien stazzjonat l-ghassa Kemmuna u meta hares ‘l barra ra li kien hemm zewg dghajjes. Qal li hu mar fuqhom u qalilhom li kien hemm il-bagi w ghalhekk ma setghux jidhlu. Qal li s-

sewwieqa qalulu li ma kienux indunaw bil-bagi tal-Maritime u li kienu sejrin jisimghu quddiesa.  Qal li fid-dghajsa S 11418, li kienet *speed boat*, kien hemm l-imputat odjern.  Qal li fil-fehma tieghu l-bagi ma tantx jidhru li huma tal-Maritime, pero fuq iz-zewg nahat tal-bajja hemm sinjal u fuq il-bagi hemm 'MMA'  Ix-xhud qal li ma kienx cert jekk kienx hemm dghajjes jew le marbutin ma dawn il-bagi.  Qal li meta d-dghajsa dahlet fiz-zona tal-ghawm, il-magna taghha kienet mixghula.  Qal li huma u dehlin ma kienx zgur jekk l-magna kienetx mixghula, pero huma u hergin zgur li kienu mixghula u hu qalilhom biex ma jistartjawx l-muturi.   Spjega li *wire ropes* ma hemmx zgur.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 30] fejn qal li ghal habta ta' Santa Marija tas-sena 2005, hu kien fuq il-bahar ma habib tieghu w ibnu u hemm iltaqghu ma xi hbieb u kienu sejrin jisimghu quddiesa fil-bajja ta' Santa Marija f'Kemmuna. Qal li appena waslu hemmhekk, il-bajja kienet mizghuda bid-dghajjes u kien hemm wkoll xi dghajjes marbutin ma bagi li kienu hemm pogguti mill-Malta Maritime biex ma jidhlux aktar fil-bajja.  Qal li pero dawn il-bagi huma ma setghux jarawhom peress li kienu mghottija b'dghajjes li kienu marbutin maghhom.  Qal li bhala bagi, kien hemm erbgha biss, ghalkemm suppost li kien hemm aktar imposti f'distanza aktar qasira.   Qal li fil-bajja kien  hemm biss persuna wahda pero meta rat li kienu qed jippruvaw jidhlu, qalilhom biex jitfghulu l-habel.  Qal li l-magna kienet mitfija u l-mutur imtellgha u din il-persuna gibdithom lejn l-art.  Qal li meta nizlu u raw l-pulizija gejja fid-direzzjoni taghhom minn wara s-sigar.  Qal li l-pulizija staqsih x'kien qed jaghmel u hu rrispondih li kienu sejrin l-quddies.  Qal li l-blalen in kwistjoni ma kienux sofor kif huma tal-Malta Maritime u ma kien hemm xejn fuqhom li kienu tal-Malta Maritime.  Qal li l-blalen ma kienux tul l-bajja kollha u kien hemm xi laned mahmugin.  Qal li l-pulizija qalilhom biex jitilqu, tahom il-habel u telqu 'l hemm.  Qal li fuq il-moll, ma setghux jidhlu peress li kien hemm hafna dghajjes.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt, l-imputat dahal bid-dghajsa tieghu f’zona li hija riservata ghal ghawwiema. Ma hemmx dubbju li bhala kaptan ta’ dghajsa, hu ghandu jkun jaf x’jghid in-notice to marines li jigu puibblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u cioe fejn hemm il-postijiet riservati ghal ghawwiema.

Illi ma hiex skuza li l-imputat jghid li ma rax l-bagi tal-Malta Maritime Authority ghaliex n-*notices* li hemm fil-bajja jidhru mill-boghod.

Illi ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 7 tal-Kap 352, 20, 23, 30 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 17 tas-sena 2005 **tiddikjara li qed issib lil imputat ELVIN MAGRI hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin [50] lira maltin.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat f’dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------